# BirdLife Malta titlob li jingħalaq l-istaġun tal-kaċċa minn fuq il-baħar wara massakru ta' papri protetti

## Aktar minn 10 Kuluverti tas-Salib minn qatgħa ta' 23 osservati qed jiġu maqtula illegalment 'il barra mill-kosta

Waqt li lbieraħ kienet għaddejja laqgħa tal-Kumitat Ornis, BirdLife Malta rċeviet informazzjoni li dak il-ħin stess 'il barra mill-kosta tal-Grigal ta' Malta kien għaddej massakru ta' Kuluverti tas-Salib (Common Shelducks) b'numru ta' kaċċaturi qed jisparaw fuq qatgħa minn dawn l-għasafar protetti minn fuq il-baħar. BirdLife Malta infurmat mill-ewwel lit-taqsima tal-Administrative Law Enforcement (ALE) tal-Korp tal-Pulizija u lill-Forzi Armati ta' Malta (AFM) waqt li dak il-ħin stess kienu qed jinġabru ritratti u filmati ta' dak li kien għaddej. L-istħarriġ dwar dan il-każ ta' kaċċa illegali għadu għaddej minkejja li l-fatt li l-ALE ma kinitx kapaċi tibgħat dgħajsa fuq il-post wassal biex dawk responsabbli rnexxielhom jaħarbu. B'xorti tajba s-sid tad-dgħajsa involuta f'dan il-każ ġie identifikat, għalkemm għadu mhux ċar jekk l-ALE għandhiex biżżejjed evidenza biex tressqu l-qorti f'dan l-istadju. B'kollox ġew osservati aktar minn 10 Kuluverti tas-Salib qed jinqatlu fuq il-baħar minn qatgħa ta' 23.

Fid-dawl ta' dan, dak il-ħin stess BirdLife Malta talbet lill-Kumitat Ornis biex japprova mozzjoni li tirrakkomanda l-għeluq tal-istaġun tal-kaċċa minn fuq il-baħar. Dan sar minħabba li jidher ċar min-numru ta' għasafar tal-baħar feruti li ġew osservati matul l-aħħar xahrejn – inkluż fl-inċident tal-bieraħ – li m'hemmx kontroll fuq il-kaċċa illegali mill-baħar. L-iskop tal-liġijiet Maltin għall-ħarsien tal-għasafar huwa li jipproteġu lill-għasafar u f'każ li l-liġi jew l-istat ma jkollhomx biżżejjed riżorsi biex jikkontrollaw l-illegalitajiet, allura l-Ministru, kif ġara diġà fl-imgħoddi, mhux biss għandu d-dritt imma anke l-obbligu li jwaqqaf l-istaġun. Meta dan ġara fil-passat, il-messaġġ ta' tolleranza zero kien ċar u l-illegalitajiet naqsu, għalkemm sfortunatament is-sena li għaddiet (2018) kienet l-agħar sena fl-aħħar sitt snin f'dak li għandu x'jaqsam mal-qtil illegali ta' tajr protett.

Il-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) ippruvat tmewwet l-illegalità u lanqas kellha d-diċenza li tikkundannaha, waqt li stqarret li l-għeluq tal-istaġun tal-kaċċa minn fuq il-baħar ikun jammonta għal "kastig kollettiv".



Il-proposta ta' BirdLife Malta naturalment m'għaddietx, bil-voti kontra min-naħa tal-federazzjoni tal-kaċċaturi u tat-tliet rappreżentanti tal-gvern kif ukoll bl-astensjonijiet tar-rappreżentant tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) u taċ-*Chairman* tal-Ornis.

BirdLife Malta tfakkar lill-Gvern li minkejja l-eżitu tal-vot li ttieħed ilbieraħ, id-drittijiet u l-obbligi tiegħu jibqgħu hemm u li d-dikjarazzjonijiet ta' tolleranza zero għad irridu narawhom jiġu tradotti f'azzjoni. Fid-dawl ta' dan, BirdLife Malta terġa' tappella lill-Gvern biex jieħu azzjoni u juri bil-fatti li mhux lest jittollera illegalitajiet rampanti bħal dawn billi jagħlaq l-istaġun. Tfakkar ukoll lill-Gvern li l-maġġoranza tal-poplu Malti jimpurtaha mill-ambjent u li l-uniku kastig kollettiv f'Malta huwa dak fil-konfront tas-soċjetà tagħna li qed tiġi mċaħħda mit-tgawdija tal-kampanja u mis-sbuħija tal-passa tal-għasafar kaġun tal-kaċċa illegali bla kontroll li qed isseħħ.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin:**
1. 'Il barra mill-Gżejjer ta' San Pawl, 16 ta' Jannar 2019. Ritratt meħud ilbieraħ li juri dgħajsa bi tliet kaċċaturi fuqha, b'wieħed minnhom jiġbor waħda mill-għaxar papri protetti li ġew maqtula fuq il-baħar fiz-zona wara li ġrew warajhom b'dgħajsa. Il-Kuluvert tas-Salib hu speċi protetta u l-kaċċa fuq il-baħar sa 3km bogħod mill-kosta hija illegali. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Kuluverti tas-Salib fir-Riserva Naturali tas-Salina, parti minn qatgħa ta' sitta li niżlet fir-riserva aktar kmieni din il-ġimgħa. Tnejn minnhom kellhom feriti ċari kkawżati minn tiri ta' senter, kif juri r-ritratt. Aktar dettalji hawnhekk u f'din il-ħolqa. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. Kuluvert tas-Salib. (Ritratt ta' Denis Cachia)

